# Il-Ħadd 12.06.2016

1. It-Tnejn 13/06:
   - Fis-7:00pm - Laqgħa għad-Distributuri tal-Flimkien (i.e. dawk kollha li jqassmu l-Flimkien) biex naraw ftit kif nistgħu ntejjbu dan is-servizz u nippruvaw negħlbu xi diffikultajiet. Din ser issir fil-knisja parrokkjali. Min jixtieq jgħin f'dan is-servizz, tajjeb li jattendi wkoll għal din il-laqgħa.

2. Il-Ħamis 16/06:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Is-Sibt 18/06:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali. Min bi ħsiebu jattendi jinforma.

4. Il-Ħadd 19/06, ***Jum il-Missier***:
   - Fl-10:00am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija;
   - Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)*.

5. Avviżi oħra:
   - Infakkar li kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa qed nistiednu b'mod speċjali lit-tfal li għadhom kif għamlu l-preċett għall-quddiesa tas-6:30pm, fejn qed ikollhom sehem attiv fil-quddiesa u jittellgħulhom xi rigali.
   - Qed jiftħu applikazzjonijiet għall-Korsijiet offruti mill-Fakultà tat-Teoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta, kif ukoll mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali bbażat fl-Istitut Kattoliku, Floriana. Dettalji jinkisbu mill-websites rispettivi: (www.um.edu.mt/theology/prospective u www.maltapfi.org).

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Is-Sibt 18/06 - Fl-okkażżjoni ta' Jum il-Missier ser issir sessjoni ta' Krafts organizzata mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ fis-Sala tal-Kunsill. Min huwa interessat javviċina lil xi membru jew inkella jinkiteb fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali stess.
   - L-Erbgħa 22/06 - Bejn it-8:15am u 12:00pm, fil-Kunsill Lokali ser ikun hemm Uffiċċjal mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Dan qed ikun preżenti wkoll l-Erbgħa ta' kull ħmistax.
   - Bi ftehim mal-kumpanija TCTC, fis-Sajf se jsiru korsijiet fit-tagħlim tal-kompjuter għat-tfal ta' bejn il-5 u l-10 snin fis-sala tal-IT tal-Kunsill Lokali. Aktar informazzjoni u applikazzjoni mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali stess.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 345 bħala ġabra speċjali b'risq il-festa ta' San Pawl;
   - € 20 bħala donazzjonijiet għall-fjuri ta' Korpus u l-Qalb ta' Ġesù. Grazzi.